MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 288/2000/1

**Vanessa Agius**

**vs**

**Paul Xuereb**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici u l-konvenut izzewgu fil-25 t'April 1997 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. “VX1”;

Illi l-kunsens ta' l-attrici ghaz-zwieg imsemmi nkiseb bi vjolenza morali u biza`;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg imsemmi kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha mpossibbli ghall-istess partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u nvalidu fil-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-25 t'April 1997 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 8 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tas-17 ta' Jannar 2001 a fol. 12 fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament, l-eccipjent jiddikjara li ma jopponix it-talba attrici li z-zwieg bejn il-partijiet jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti jiddikjara illi l-allegazzjonijiet mressqa mill-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan *stante* illi effettivament in-nullita` taz-zwieg huwa mputabbli lill-attrici, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta tal-31 ta’ Ottubru 2000 fejn Dr. Aaron Mifsud Bonnici, ghall-attrici, talab li jinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali u l-Qorti laqghet it-talba; ta’ l-14 ta’ Frar 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Joseph Buttigieg bhala Perit Legali; tal-15 ta’ Gunju 2001; u ta’ l-20 ta’ Novembru 2001 fejn il-Perit Legali ddikjara li l-provi huma maghluqa; tal-5 ta’ Dicembru 2001.

Rat in-nota ta’ l-attrici li permezz taghha esebiet l-affidavits taghha stess, ta’ Antonia Agius u ta’ Mary Tracey Azzopardi;

Rat l-affidavits ta’ Rosalita Portelli a fol. 41 tal-process; ta’ Josette Hartley a fol. 44; u tal-konvenut Paul Xuereb a fol. 46;

Rat l-avviz tas-27 ta’ Marzu 2002 fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta tat-18 ta’ Gunju 2002 fejn il-Perit Legali halef ir-rapport u tas-27 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat ir-relazzjoni peritali ta’ Dr. Joseph M. Buttigieg pprezentat fil-5 ta’ Dicembru 2001;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici**, permezz tal-procedura tal-affidavit, xehdet:

Illi kienet iltaqghet mal-konvenuta meta kellha biss erbatax il-sena u bdew johorgu flimkien. Izda kienu spiss ihassru u jergghu jirrangaw. Wara xi sentejn kienu telqu lil xulxin u ghamlu sentejn shah ma jiltaqghux. Imbaghad kienu ltaqghu u fthemu li jergghu jibdew johorgu flimkien, ghal xahar, bhala prova.

Illi xi tlett gimghat wara ndunat li kienet tqila. Dak iz-zmien kellha tmintax il-sena u l-konvenut kellu wiehed u ghoxrin sena.

Illi allavolja kienet tqila, mill-ewwel kienet esprimiet ruha fis-sens li ma riditx tizzewweg. Kienet lesta tmur tghix mal-konvenut minhabba t-tarbija, izda mhux tizzewweg.

Illi ma kellhomx post fejn imorru joqghodu u lanqas flus biex jikru xi mkien. Omm il-konvenut kenet spiss tinsist li huma jizzewgu u theddidhom li jekk ma kenux lesti li jizzewgu, ma kenitx lesta li tghinhom.

Illi l-konvenut ukoll kien jinsisti sabiex jizzewwgu.

Illi kien minhabba dawn l-insistenzi u rikatti morali li hija kienet accettat li tizzewweg, u ghal xejn aktar.

Illi hajjitha kienet inbidlet minn lejl ghal nhar - filli kienet regghet bdiet tohrog mal-konvenut bhala prova u filli tlett xhur wara sabet ruhha mizzewga. Lanqas biss riedet ikollha x'taqsam mal-preparamenti tat-tieg ghax kienet qed thossha tigi sfurzata f'sitwazzjoni li ma riditx tidhol fiha.

Illi t-tieg organizzatu omm il-konvenut u hallset kollox hi.

Illi qabel iz-zwieg l-attrici kienet spiss titkellem m'ommha u hutha fuq il-fatt li hi ma riditx tizzewweg, ghax kienet thossha zghira u mhux lesta ghal pass bhal dak.

Illi kieku ma hargitx tqila, zgur li qatt ma kienet ser tikkonsidra li tizzewweg lill-konvenut. Anke meta l-

konvenut gieli semmielha biex jibdew jahsbu biex jirrangaw id-dar li ommu kienet lesta li ttihom, dejjem kienet tghidlu le ghax ma kenitx lesta.

Illi dakinhar tat-tieg kienet imdejjqa hafna u kull ma bdiet tahseb kien biex igri jghaddi kollox ghax bdiet thoss li qed taghmel zball. Izda hasset li ma setghet taghmel xejn aktar.

Illi marret ghat-tieg bi sforz kbir go qalbha u wara t-tieg ghamlet lejl tibki ghax bdiet thoss li ghamlet zball kbir. Meta raha tibki l-konvenut kien hadha d-dar t'ommha ghax beza` li ser tkorri.

Illi wara li twieled it-tifel, bdiet tfittex li jkollha l-liberta` li tkun tista tohrog mal-hbieb u anke l-konvenut hekk ried. Izda minhabba dan il-hrug, il-partijiet kienu wkoll spiss jiggieldu. Omm il-konvenut kienet ukoll targumenta mal-attrici li jekk riedet tibqa` tghix fid-dar taghha ma setghetx tohrog wahedha ma' shabha.

Illi f'dak iz-zmien l-attrici kienet waqghet f'*depression* kbira u t-tabib ordnalha l-kalmanti. Il-hsieb li ghamlet zball li zzewget kienet qed thossu kbir wisq u sabiex idderri ddecidiet li terga` tohrog tahdem. Minn meta ghamlet dan, omm il-konvenut ghamlet it-tifel taghha. L-attrici kienet spiss tmur lura d-dar u t-tifel ma ssibux hemm; gieli wkoll it-tifel kien ikun hdejn l-attrici u omm il-konvenut kienet tmur u tehodulha. Sahansistra t-tifel beda jghajjat lil omm il-konvenut 'ma'.

Illi sa minn meta zzewgu r-relazzjoni intima bejn il-partijiet tista tghid ma kenitx tezisti ghaliex l-attrici kienet izzewget lill-konvenut minhabba t-tarbija u mhux minhabba fih.

Illi in kontro-ezami, l-attrici qalet:

Illi ma kenux flimkien minn meta kellha sittax il-sena sa ma harget tqila. F'dak iz-zmien kienu jaraw lil xulxin, pero` ma johorgux. Malli bdew johorgu, harget tqila fl-ewwel xahar.

Illi f'affari ta' gimgha jew tnejn, iddecidew li jizzewgu. Mentalment ma kenitx preparata biex tizzewweg u zzewget minhabba c-cirkostanzi li sabet ruhha fihom f'daqqa.

Illi ma kienet taqbel f'xejn mal-konvenut. Kellhom karattru kompletament differenti. Wara ftit li twieled il-*baby*, ir-relazzjonijiet sesswali bejniethom waqfu kwazi ghal kollox. Kienu jghaddu tlett xhur bejn darba w ohra. Kienet giet fi stat illi birdet ghall-konvenut. Hu kien ifittixha u billi hi ma kenitx tkun disposta, gieli anke nqala` l-inkwiet.

Illi meta zzewget lil-konvenut ma kenitx thobbu. (Dan qalitu fuq mistoqsija diretta tal-Perit Legali). Izzewgitu minhabba t-tifel. Illum jidhrilha li ghamlet zball.

Illi omm l-attrici, **Antonia Agius**, xehdet permezz ta' affidavit:

Illi bintha kienet ghadha zghira meta bdiet tohrog mal-konvenut. Kienu spiss jiggieldu u ghamlu sentejn miggeldin. Wara ftit li kienu regghu irrangaw, kienet tara lil bintha *tense* hafna. Imbaghad il-partijiet kienu marru d-dar ghandha u qalulha li bintha x'aktarx li kienet tqila.

Illi dak il-hin kienet qaltilhom li z-zwieg ma kienx jghodd ghalihom.

Illi wara kienu marru jkellmu lil omm il-konvenut u meta rritornaw, il-konvenut qalilha li kienu ser jizzewgu ghax ommu kienet qaltlu li jekk mhux ser jizzewgu hi ma kenitx lesta li tghinhom finanzjarjament.

Illi fix-xahrejn ta' qabel it-tieg l-attrici kienet dejjem imdejjqa, kien ikollha *tension* kbira u dejjem tibki. Spiss kienet tghidilha li ma kenitx lesta biex tizzewweg u lanqas biex ikollha t-tarbija, izda kienet qed thossha sfurzata sabiex tizzewweg. Kienet ukoll tghidilha li ma kienx hemm imhabba bejnha u bejn il-konvenut u li kienet ser tizzewweg biss minhabba t-tarbija.

Illi dakinhar tat-tieg innotat li l-attrici ma kenitx qed tagixxi normalment. Kien jidher li ma kenitx kuntenta li ser tizzewweg.

Illi l-attrici kienet qaltilha li qed thoss wisq l-izball li ghamlet meta zzewget. Ghall-ewwel ix-xhud kienet tghidilha biex terga` tipprova forsi jirrangaw ghall-ahjar, izda mbaghad meta ratha dejjem sejra lura aktar, accettat illi l-attrici terga` tmur lura toqghod ghandha.

Illi in kontro-ezami, **Antonia Agius** xehdet illi:

Illi fil-perjodu immedjatament qabel izzewgu l-partijiet, bintha qaltilha li ma kenitx thobbu lill-konvenut. Kienet ser tizzewweg minhabba l-*pregnancy*. Hi qaltilhom it-tnejn illi kienu ghadhom zghar, ma kenux preparati biex jizzewgu u kellhom ghalhekk jistennew li jghaddi ftit taz-zmien iehor qabel jiddeciedu. Dak il-mument kienu iddecidew li ma jizzewgux.

Illi kieku bintha ma kenitx *pregnant*, ma kenitx tizzewweg. Dan il-fatt influwenza d-decizjoni taghha. Barra dan, kien hemm l-offerta da parti tal-genituri tal-konvenut li bintha qisitha bhala <u>mod kif ittaffi ftit mir-responsabbilita` tat-tarbija</u> li kienet ser titwieled. Fil-fehema tax-xhud dan kien li gieghel lil bintha tizzewweg bla ma riedet.

Illi **Mary Tracy Azzopardi,** fl-affidavit taghha xehdet:

Illi kienet id-dar ta' ommha meta l-partijiet qalulhom li Vanessa kienet tqila. Il-konvenut kien qabel m'ommha li z-zwieg ma kienx is-soluzzjoni. Izda gurnata wara saret taf li l-partijiet kienu ser jizzewgu ghax omm il-konvenut kienet qaltlu li jekk ma jizzewgux ma tghinhomx finanzjarjament.

Illi l-attrici kienet indikat lix-xhud li hi ma riditx tizzewweg ghax lill-konvenut ma kenitx thobbu u kienet ghadha zghira. Izda qaltilha wkoll li finanzjarjament ma setghetx ma tizzewwigx ghax ma kienx ser ikollha l-mezzi biex trabbi t-tarbija u allura bilforx kellha tizzewweg. L-attrici baqghet tghidilha dan sa qabel izzewget.

Illi **Rosalita Portelli**, habiba tal-attrici, fl-affidavit taghha xehdet:

Illi kienet ilha habiba sew mal-attrici xi sitt snin. Saret tafha fuq ix-xoghol meta kienet gja tohrog mal-konvenut.

Illi wara li l-partijiet kienu regghu bdew johorgu flimkien ghal prova ta' xahar, l-attrici kienet marret tghidilha li kienet harget tqila mill-konvenut. Talbitha parir u x-xhud mill-ewwel qaltilha li jekk tizzewweg kien ser ikun zball ghaliex l-affarijiet mal-konvenut ghall-aghar setghu imorru mhux ghall-ahjar.

Illi izda l-attrici kienet qaltilha li t-tarbija riedet izzommha u wahedha ma kienx ser jirnexxilha tmantniha.

Illi x-xhud kienet il-bridesmaid fit-tieg tal-partijiet u dakinhar qattghet il-gurnata mal-attrici. Hin minnhom, ftit qabel ma telqu ghall-Knisja, rat lill-attrici imdejjqa u staqsietha x'kellha. L-attrici qaltilha li ma kenitx zgura mill-pass li kienet ser taghmel. Ix-xhud qaltilha illi jekk ma kenitx zgura, kien ahjar li ma tizzewwigx, izda l-attrici qaltilha li dak il-hin kien tard wisq biex tmur lura u li minhabba t-tarbija kien ser ikollha tibqa` sejra bit-tieg, ghaliex inkella ma jkollhiex il-flus biex tmantni t-tarbija.

Illi **Stephania Cassar**, prodotta mill-attrici, fl-affidavit taghha xehdet:

Illi kien ilha taf lill-attrici xi disa' snin ghax kienu jilghabu l-*basketball* flimkien u anke johorgu flimkien. Wara ftit l-attrici kienet bdiet tohrog mal-konvenut.
Illi fis-sentejn li l-partijiet kienu ggieldu, l-attrici u x-xhud kienu johorgu flimkien. Imbaghad kienu regghu irrangaw ghax l-attrici qaltilha li kienet tithassru lill-konvenut. Ftit wara, l-attrici qaltilha li kienet tqila u talbitha parir. Hi mill-ewwel qaltilha li la ma kenux jaqblu u l-attrici ma kenitx kuntenta qabel ma harget tqila, billi tizzewweg, zgur l-affarijiet ma kienux ser ikunu ahjar.

Illi l-attrici kienet qaltilha li fis-sitwazzjoni li kienet hi, ma setghetx tahseb fiha biss ghax kien hemm tarbija fin-nofs.

Illi wara z-zwieg l-attrici baqghet f'kuntatt maghha u kull meta kienet iccemplilha kienet spiss terga` tghidilha kemm kienet imdejjqa li zzewget u li kien zball kbir li halliet lill-familja ta' Paul jikkonvincuha tizzewweg biss biex ituha l-flus halli jkollha biex tmantni lit-tarbija.

Illi **Josette Hartley**, prodotta mill-attrici, fl-affidavit taghha xehdet:

Illi ilha taf lill-attrici sa minn meta kellha hdax il-sena ghax kienu jmorru l-iskola flimkien u mbaghad bdew jahdmu fl-istess post.  L-attrici bdiet tohrog mal-konvenut meta kellha biss erbatax il-sena u mill-ewwel ma kenitx tidher kuntenta mieghu.  Spiss kienu jiggieldu u jitilqu lil xulxin.

Illi wara sentejn ma johorgux flimkien, l-attrici kienet qaltilha li kienet ser terga` tohrog mal-konvenut bi prova ta' xahar.

Illi persuna partikolari kienet gharrfet lix-xhud illi l-konvenut   kien stqarr mieghu li lill-attrici ried johrogha tqila biex zgur ma tkunx tista` titilqu.

Illi dakinhar li semghet dan il-kliem, ix-xhud kienet iddecidiet li lill-attrici ma tghidilha xejn.   Izda ftit jiem wara, l-attrici kienet marret tghidilha li kienet tqila u hemmhekk ix-xhud qaltilha dak li kienu qalulha fuq il-konvenut.

Illi l-attrici fethet qalbha max-xhud u qaltilha li kien ser ikollha tizzewweg ta' bilfors.  Qaltilha wkoll illi li kieku ma kienx hemm it-tarbija hi zgur ma kenitx ser tizzewweg, izda hi wahedha ma kenitx ser tkun kapaci trabbi t-tarbija.

Illi l-attrici qaltilha wkoll li l-konvenut kien avzaha li hu ma kienx lest li jghix maghha jekk ma jizzewgux.   Fil-fatt l-attrici kienet lesta li tghix mal-konvenut minhabba t-tarbija, izda mhux li jizzewgu.

Illi waqt ir-riceviment tat-tieg kienet gibdet lill-attrici fil-genb u staqsietha x'kellha, ghax kienet tidher b'hafna dwejjaq. L-attrici qaltilha li ma kenitx taf x'ser taqbad taghmel ghax issa kienet ghaffgitha u minhabba li kienet diga` zzewget ma setghetx tmur lura. Dak il-hin regghet qaltilha li kienet izzewget bilfors, ghax kienet imgeghla mill-familja tal-konvenut, specjalment minn ommu.

Illi **Paul Xuereb,** il-konvenut, ukoll permezz ta' affidavit xehed:

Illi sar jaf lill-attrici meta kellu sbatax il-sena. Ghall-bidu kienu johorgu flimkien fil-*weekends* biss u kienu hassru darbtejn. Imbaghad bdew johorgu b'mod regolari jidhlu d-dar ta' xulxin u ltaqghu mal-familji rispettivi, li t-tnejn laqghuhom tajjeb.

Illi wara sentejn li kien ilhom flimkien beda jinqala' l-inkwiet bejniethom u qatghu minn ma xulxin.

Illi hasibha ftit u ddecieda li jirranga mal-attrici. Ftit taz-zmien wara, l-attrici harget tqila.

Illi meta l-attrici nfurmatu bit-tqala, kien ferhan u ddecidew li jmorru flimkien ghand ommu sabiex jaghtuha l-ahbar. Ghall-ewwel din inhasdet izda mbaghad ferhet ukoll ghax kienet thobb lill-attrici u tirrispetta lil ommha.

Illi tkellem mal-attrici dwar x'ser jaghmlu. La hu u anqas l-attrici ma riedu jizzewgu u ma kellhomx fejn joqghodu. Ommu, sabiex tghinhom, offritilhom li tibni sular fuq id-dar taghhom.

Illi wara ftit taz-zmien iddecidew li jizzewgu. Innota li l-attrici kienet nervuza u agitata. Wahhal fit-tqala u l-preparamenti tat-tieg. Izzewgu u l-affarijiet kienu sejrin mhux hazin; twieled it-tifel u minn hemmhekk beda` l-inkwiet.

Illi l-attrici riedet tibda` tohrog ta' spiss ma' shabha sabiex tmur Paceville. Minn darba kultant, din tal-hrug saret

drawwa.  Riedet terga` tibda tahdem sabiex ikollhom izjed flus u jixtru flat ghalihom.

Illi ghax-xoghol l-attrici bdiet tohrog fis-6.00 a.m. u tidhol lura xi l-10.00 p.m.  Ghalkemm ‘allegatament’ kienet tqatta` dan il-hin ix-xoghol, ftit kien ikollha paga.  Waqt li tkun ix-xoghol it-tarbija kienet tiehu hsiebha ommu.  Meta kien imur lura d-dar mix-xoghol, la kien isib ikel u hwejjighom kienet tahsilhom ommu.  Kienu qed jinqalghu hafna argumenti bejniethom.

Illi  ommu w missieru kienu mhassbin dwar l-agir tal-attrici.  Din kienet titlaq kmieni filghodu ma’ certu Aldo u kienu jaghmlu gurnata shiha jduru flimkien ibieghu *door-to-door*.  Kienu waslu f’estremita li jhossu li l-attrici kienet saret qisha ohtu u kien jghaddi l-gharus taghha ghaliha.

Illi l-attrici tant kienet imdejjqa li darba qaltlu li jew ghad taqbez minn fuq il-bejt jew issiefer ghal dejjem u thalli t-tifel warajha.  L-attrici kienet tilfet kull sens ta’ zwieg, birdet minnu ghal zmien twil u fil-fatt kellu wkoll suspetti li kienet qed tibdlu ma’ haddiehor.

Illi t-tifel l-attrici donnha lanqas kienet tqisu taghha.  Tqum tard, avolja t-tifel jibki ghax bil-guh, thallih bil-harqa mahmuga.  Tant kienet tittraskurah li ommu kienet tiehu hsiebu hi.  Minn fuq l-attrici kienet tehodha kontriha ghax kienet tghid li kienet tindahal.

Illi l-attrici kienet tghid li l-problemi li kellhom kienu ghax qed jghixu d-dar m’ommu.  Ghalhekk kienu ghamlu konvenju fuq flat, sabiex imorru joqghodu ghal rashom.  Hallas elfejn u hames mitt lira Maltija (Lm2,500) depozitu izda l-flat qatt ma dahlu go fih ghax fil-frattemp l-attrici marret ghand Avukat dwar separazzjoni.  Xi zmien wara sseparaw bil-kuntratt.

Illi in kontro-ezami l-**konvenut** xehed illi:

Illi pjan li jizzewgu qatt ma kellhom.  Meta l-attrici harget *pregnant* minnu, dehrilhom ghall-ewwel li ma kellhomx jizzewgu.  Dak li gara ma kienx mistenni u ma kellux pjan

li l-attrici tohrog *pregnant*. Wara biddel il-hsieb ghaliex ommu offriet li tibnilhom fuq id-dar taghha u setghu imorru joqghodu hemmhekk. Finanzi ma tantx kellu – ma setghux jixtru u lanqas jikru.

Illi kieku ma kienx hemm il-*pregnancy* zgur ma kenux jizzewgu dak iz-zmien. Forsi wara, pero` zgur mhux dakinhar. Kienet il-*pregnancy* illi wasslithom ghaz-zwieg.

## ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT.

Illi jibda` biex jinghad illi, ghalkemm il-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu (eccezzjoni numru 2) allega illi *"effettivament in-nullita` taz-zwieg hija imputabbli lill-attrici, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza"* l-istess konvenut ma ressaq ebda kontro-talba fir-rigward. Il-Qorti tinnota li pero' ma jirrizultax fuq liema bazi legali il-konvenut qieghed jibni din l-allegazzjoni tieghu, peress illi sfortunatament l-istess konvenut anqas ta indikazzjoni dwar l-artikoli tal-ligi allegatament applikabbli ghal dak li hu jsostni.

Illi ghalhekk, fic-cirkostanzi l-Qorti sejra tezamina l-provi kollha prodotti fid-dawl tal-premessi tac-citazzjoni u l-artikoli jew subartikoli tal-ligi taz-zwieg li l-istess premessi effettivament jirriflettu.

Illi fic-citazzjoni attrici, insibu zewg premessi – wahda bazata fuq is-subartikolu **1(a) tal-artikolu 19 tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**; u ohra fuq is-subartikolu **1(d) tal-imsemmi artikolu 19**.

Illi in tema legali, fil-gurisprudenza u fid-decizjonijiet tal-Qrati taghna, insibu s-segwenti duttrina.

Illi dwar **l-artikolu 19 (1)(a) tal-Kap 255** dan jistipula hekk:-

"*19(1)(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza`";*

Illi fil-kawza **“Shirley Anne al-Bueshi xebba Perry v Av. Dr. A. Mifsud et noe”** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Novembru 1982, insibu spjegat hekk fir-rigward ta’ dan is-subinciz ta’ dan is-subartikolu:

*“..........Taht dan is-subinciz, zwieg celebrat Malta jista jigi dikjarat null kemm minhabba vjolenza kif ukoll biza. Ghal dak li jirrigwarda biza, din tista tigi definita fi trapidazzjoni jew eccitament kbir fil-mohh li jigi kawzat minn xi incident jew haga kemm ta’ dak il-hin, kemm minn haga li tista tigi fil-futur. Dan it-tahwid fil-mohh irid ikun tali li jaffettwa l-mohh ta’ min qieghed jaghti l-kunsens u li jaghtih biex jevita dak li qed jigrilu jew dak li jista jigrilu. Apparti kollox, fil-fehema ta’ din il-Qorti biex “biza” taqa taht l-artikolu in kwistjoni irid ikun cert u ta’ certa gravita serja u ghandha tigi distinta minn dak li hu mishija u frivolezza u kapricc ta’ min ser jaghti l-kunsens. Barra minn hekk irid ikun realistiku.*

*Il-biza ta’ nies li huma s-superjuri jew il-genituri taghha tista f’certi kazi tkun tali li taffettwa l-kunsens. B’dan mhux qed jigi certament intiz biza fis-sens ta’ suggizzjoni esagerata minn dawn il-persuni, imma trid tkun gravissima u ta’ certa entita. Normalment biza minn dawn in-nies fi hwejjeg simili tigi konsidrata bhala li hi ta’ natura leve. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi kunsidrata bhala gravi. Il-biza li wiehed jew wahda jitkecca mid-dar, jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi dannu finanzjarju mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss u minacci serji u gravi dawn jistghu jaffettwaw il-persuni b’biza li taqa taht l-artikolu li fuqu qed isir il-kumment.......”*

Illi l-**artikolu 19 (1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** jistipula hekk:

*“19 (1)(d) jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha*

*impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg";*

Illi fil-gurisprudenza taghna, il-principji legali li jemergu mis-subincis **(d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap 255,** gew enuncjati fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fl-4 ta' Novembru 1994, fil-kawza fl-ismijiet **"Angela Spiteri xebba Selvaggi v Joseph Spiteri"**. F'dik id-decizjoni, l-Qorti l-ewwel ghamlet riferenza ampja ghall-insenjament ta' numru ta' awturi, fosthom ***Calogiovanni***, ***Pompedda, Bersini, Viladrich***, u a skorta tad-dottrina minnhom esposta, siltet il-principji applikabbli ghas-**subinciz (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 19 tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-Qorti ser telenka l-principji stabiliti fl-imsemmija sentenza, permezz ta' citazzjoni *verbatim* mid-duttrina tal-awturi li l-Onorabbli Qorti rriferiet ghalihom fil-korp tas-sentenza fuq riferita.

"(a) *B'difett serju ta' diskrezzjoni, il-legislatur ma riedx ifisser sempliciment kwalsiasi stat ta' immaturita`' li parti jew ohra fiz-zwieg tista tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. ......In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku intrinsikament marbut mal-kapacita ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. ..........*

*(b) Pero`, ..... b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurispurdenza "non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di ciò che comporta il matrimonio ........* [***Pompedda, M.F.*** : <u>Il</u> **<u>Consenso</u> <u>Matrimoniale</u>** in Grocholewski-Pompedda-Zagglia, **<u>Il</u> <u>Matrimonio</u> <u>nel</u> <u>Nuovo</u> <u>Codice</u> <u>di</u> <u>Diritto</u> <u>Canonico</u>** (Padova, 1984), p. 46]

*(c) Kif jispjega* **Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti: "la piena avvertenza e il deliberato consenso............ la discrezione di giudizio comprende la*

*maturità di giudizio e la maturita` affettivà ....... La maturità di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro......"* [**Bersini, F.**, **Il Diritto Canonico Matrimoniale** (Torino, 1994), p. 97] .

*(d) L-istess awtur imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita taz-zwieg : "Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovrà essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il-motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed è ordinato all'assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l-esistenza con un contratto_perpetuo e irrescindibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non è sufficiente il grado di ragione col quali speculativamente uno sappia che cosa è il matrimonio; è necessaria la maturità di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, è necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momenti di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano."* **[Bersini** - *ibid].*

Illi biex tikkonkludi fuq din it-tema, l-Qorti fl-ahharnett ghamlet riferenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Valadrich:-***

*"Thus, there is grave lack (of discretion of judgment) when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of*

*comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***[Viladrich, P.J.*** **Matrimonial Consent in Code of Cannon Law Annotated** *(Montreal, 1993), p.686].*

Illifil-kawza fl-ismijiet **"Anna Galea v John Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995), b'mod partikolari din il-Qorti kienet qalet hekk dwar l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga:

"*La l-legislatur Malti u anqas dak kanoniku ma enumeraw l-elementi essenzjali kollha tal-hajja mizzewga. Din il-Qorti, pero`, fis-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet Angela Spiteri xebba Selvaggi v Joseph Spiteri diga` kellha l-okkazjoni tosserva dan li gej fil-kuntest tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg:*

*Kwantu ghall-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap. 255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable or assuming these obligations with these essential characteristics" (Viladrich).*

**iii) <u>APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi mill-provi prodotti, ma jirrizultax illi d-decizjoni tal-attrici fir-rigward taz-zwieg taghha mal-konvenut giet mehuda jew inkisbet bhala konsegwenza ta' xi vjolenza morali jew ta' xi biza` fis-sens illi tippreskrivi l-ligi, kif spjegat fid-duttrina legali in materia.

Illi ma rrizulta ebda biza` u ebda vjolenza morali ta' gravita' jew natura tali li, minhabba fihom jew minhabba xi wahda minnhom, wiehed jista jikkonkludi illi l-kunsens tal-attrici ghaz-zwieg ma kienx liberu izda karpit.

Illi ghalhekk, fir-rigward tad-domanda attrici ghal annullament taz-zwieg *de quo*, in kwantu bazata fuq l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, l-Qorti jidhrila li ma hemmx ragunijiet validi sabiex l-istess domanda tigi milqugha.

Illi mill-banda l-ohra, l-Qorti jidhrilha illi, mill-kumpless tal-provi f'din il-kawza, jirrizulta car illi l-partijiet zgur kellhom difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju **(artikolu 19 (1) (d);** dan peress illi kienu jonqos fihom kemm "*la maturità di giudizio"* kif ukoll "*la maturità affettiva*".

Illi zgur li kienet nieqsa fihom "*una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro"* partikolarment meta, fic-cirkostanzi tal-kaz, sabiex il-grad ta' diskrezjoni ta' gudizzju jista jitqies proporzjonat ghall-kuntratt taz-zwieg, "*sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovrà essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti".*

Illi dan peress illi l-kunsens fiz-zwieg jirrigwarda obbligazjonijiet li jipprogettaw ruhhom fil-futur, u huma intizi ghall-ammisjoni ta' stat ta' hajja li jincidi fuq l-ezistenza kollha tal-individwu koncernat, permezz ta' kuntratt li hu irrexxindibbli u li jgib mieghu serje ta' obbligi gravi fih inerenti.

Illi b'hekk, id-diskrezzjoni necessarja ma tirrigwardax tant l-att fih innifsu, fil-mument li jinghata l-kunsens, imma tirrigwarda b'mod aktar gravi l-impenji u l-obbligazzjoni li johorgu mill-istess att.

Illi fil-fehma tal-Qorti, u hawn ukoll taqbel mal-bravu Perit Legali Dr. Joseph M. Buttigieg, li fil-mument taz-zwieg fil-partijiet zgur li kienet tonqos il-maturita` intellettwali u volitiva necessarja biex huma setghu jaghrfu tajjeb id-drittijiet u l-obbligi li huma essenzjalment konnessi maz-zwieg "*which are the object of mutual surrender and acceptance" **Viladrich** - vide supra)* u dan in vista tal-fatt li kienu qed jintrabtu b'mod irrevokabbli.

Illi x-xhieda kollha migbura f'din il-kawza jindikaw dan b'mod inekwivoku. B'mod evidenti, jirrizulta li kien nieqes fil-partijiet l-apprezzament shih u necessarju dwar id-drittijiet u l-obbligi li jgib mieghu iz-zwieg, ghal dak li jirrigwarda il-mizzewgin fil-konfront ta' xulxin, u dan facli li wiehed jikkonstatah mill-provi fuq riassuntivament riprodotti f'din id-decizjoni.

Illi l-partijiet kienu intrinsikament immaturi. Xejn ma kienu preparati biex jobbligaw ruhhom irrevokabbilment favur xulxin, b'mod li jassumu fuqhom infushom obbligi u jidhlu ghar-responsabbilitajiet serjissimi li jgib mieghu iz-zwieg. Kienet nieqsa fihom il-maturita` necessarja biex japprezzaw x'kienu dawn l-obbligi u r-responsabbilitajiet effettivi li kienu jgibu maghhom.

Illi kienet nieqsa fil-partijiet, fi kliem iehor: "*the discretion of judgement (which) refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a judicial bond, in a unique community of life and love. This community is indisolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring."* ***(Viladrich)***

Illi mill-provi prodotti u partikolarment mill-mod li regghet bdiet tghix wara z-zwieg, jirrizulta sodisfacentement illi l-attrici, sa minn qabel iz-zwieg, f'mohha kellha l-hsieb car li

setghet tibqa` tghix kif riedet, cjoe’ bla ma thoss obbligi partikolari lejn hadd. Riedet tghix hajja ndipendenti, hielsa minn kull irbit, minghajr ma thoss ebda responsabbilita` la fil-konfront ta’ zewgha u f’certu sens anqas fir-rigward tat-tarbija li bdiet effettivament titrabba minn omm il-konvenut.

Illi ghaldaqstant, in-nullita` taz-zwieg kontemplata minn dan is-subincis tal-ligi – **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** - tirrizulta sodisfacentement pruvata.

Illi fil-mument taz-zwieg, l-istess immaturita` ta’ gudizzju wiehed jista jirravizha fiz-zewg partijiet ghall-kawza. Huwa evidenti illi fl-attrici, dakinhar li sehh iz-zwieg, kienet nieqsa dik il-maturita` ta’ gudizzju li tirrendi persuna kapaci li tapprezza b’mod serju l-obbligi serjissimi li l-istess attrici kienet qed tassumi meta kienet qed tintrabat mal-konvenut fiz-zwieg, b’mod irrevokabbli. L-istess japplika ghall-konvenut.

Illi ghalhekk, f’dan is-sens, kull wahda miz-zewg partijiet kellha u ghandha certa responsabbilita` ghan-nullita` effettiva taz-zwieg bejniethom.

Illi in rikapitolazjoni, jirrizulta sodisfacentement illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg celebrat bejn il-partijiet fil-25 t’April 1997, kien vizjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju dwar il-hajja mizzewga u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi konsegwentement, l-imsemmi zwieg ghandu jigi dikjarat null taht il-kap ta’ nullita` kontemplat fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Illi din il-Qorti zzid tghid li jidher car ukoll li l-partijiet qablu li jizzewgu biss peress li l-istess attrici inqabdet tqila qabel iz-zwieg, u dan il-pass sar biss sabiex, speci, l-istess partijiet jirregolaw il-pozizzjoni taghhom anke b’rifless ghall-istatus legali tat-tarbija li kienet gejja fid-dinja. Dwar dan l-attrici kienet kategorika hafna drabi fix-xhieda minnha moghtija meta qalet li kieku ma kenitx tqila, zgur li qatt ma kienet tikkonsidra li tizzewweg lill-konvenut, anke peress li kienet ghadha zghira wisq sabiex tiehu dan il-pass. Dan kollu huwa kkonfermat bil-mod fretoluz li saru l-

arrangamenti ghat-tieg, u l-kwalita' ta' hajja mizera li l-istess partijiet ghaddew minnha wara tali zwieg. Jidher car li l-attrici kienet ghamlet dan il-pass kontra qalbha u biss ghaliex hassitha li hekk kellha taghmel fic-cirkostanzi li sabet fihom, b'dan ghalhekk li jidher car li l-istess attrici ma kellhiex il-liberta' ta' diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex jirrendi il-kunsens validu ghall-fini taz-zwieg li hija kienet ser tikkontratta. Hawn issir riferenza ghal diversi sentenzi ta' din il-Qorti fejn giet kkonsidrata sitwazzjoni anologa bhal din odjerna, u fejn il-Qorti waslet ghall-istess konkluzzjoni anke abbazi tal-principji fuq dedotti.

Illi fost is-sentenzi li din il-Qorti qed tirreferi ghalihom hemm dawk fl-ismijiet **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2001); **"Marben Costa vs Ruth Costa"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003); **"Jasmine Bartoli vs Dr. Beppe Fenech Adami"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003); u **"Maira Psaila vs Lawrence Psaila"** (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003).

Illi proprju fis-sentenza **"Marben Costa vs Ruth Costa"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003) inghad is-segwenti li fil-maggor parti tieghu huwa wkoll applikabbli ghall-kaz in ezami u dan fis-sens li:-

*"Illi ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li dan iz-zwieg ghandhu jigi annulat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** ghaliex abbazi tal-provi prodotti jidher bla ebda dubju kwalunkwe li l-istess partijet dahlu ghal dan iz-zwieg biss u ghar-raguni li l-attrici nqabdet tqila qabel iz-zwieg, u sforz is-sitwazzjoni li sabu ruhhom fiha dakinhar, bla ebda hsieb ta' xejn, hlief dak li l-minuri jigi legittimat biz-zwieg, huma ghamlu dan il-pass, proprju f'mument meta lanqas kellhom id-diskrezzjoni necessarja sabiex jaghmlu dan il-pass, u l-mod kif dan sar, bla ebda preparamenti ta' xejn la ghall-avveniment innifsu u wisq izjed ghall hajja konjugali jikkonfermaw ampjament dan.*

*Illi din il-Qorti kellha diversi drabi okkazjoni sabiex tidhol fid-dettal fl-**artikoli 19 (1) (d)** li huwa l-mertu tal-kawza odjerna. Illi a skans ta' ripetizzjoni tirreferi ghas-sentenzi*

***"Ahmed Al Halel vs Karen Portelli"** (P.A. (RCP) 1 ta' Ottubru 2002 – Citaz. Numru: 134/00/RCP); **"Martin Farrugia vs Antionette Farrugia"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Catherine Micallef vs Joseph Muscat"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2002); **"Louise Vella vs Louis Vella"** (P.A. (RCP) 27 ta' Novembru 2002); u **"Isabelle Muscat vs James Muscat"** (P.A. (RCP) 30 ta' Jannar 2003, u ghal sentenzi ohra fuq citati w abbazi tal-istess gurisprudenza w awturi hemm ikkwotati tasal ghall-konkluzjoni li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti kien vizzjat wkoll ai termini ta' l-**artikoli 19(1) (d)** minhabba ragunijiet imputabbli liz-zewg nahat".*

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-istess konvenut ukoll li sostna li huwa ma riedx li jizzewweg, kif lanqas effettivament ma riedet l-attrici, izda ddecidew li xorta jizzewgu ghalkemm lanqas biss kellhom fejn joqghodu, u jidher car li dak li nghad ghall-attrici jghodd ukoll ghall-konvenut. Ghalkemm jidher li fix-xhieda tieghu aktar mar fuq il-problemi kontinwi li l-partijiet iffacjaw fl-hekk imsejjah zwieg ta' bejniethom, pero' xorta wahda huwa enfassizza li kieku ma kenitx ghat-tqala huwa ma kienx ser jizzewweg lill-attrici, u kienet biss it-tqala li wasslitu biex jiehu din id-decizjoni.

Illi il-Perit Legali kkonluda li fir-rigward *"tal-ispejjez tal-kawza, l-esponent jidhirlu illi peress li l-attrici kellha wkoll certa responsabbilita` ghal tali nullita`, kif precedentement sottomess, l-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet".* Il-Qorti wkoll taqbel ma' dan.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-25 t'April 1997 fuq imsemmi kien null u nvalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d)**

**tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg partijiet kif premess u deciz.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------